MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MONTEBELLO DENNIS B.A., LL.D.

Seduta ta' 11 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 1379/2000/1

**Avviz Nru 1379/00 DM**

**Joseph Bugeja, Catherine Camilleri u Roselyn Zammit**

**vs**

**Alfred Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li din il-Qorti tiffisa, jizgumbra mill-ghalqa maghrufa bhala "Il-Qortin", limiti taz-Zurrieq, liema ghalqa il-konvenut qed juzha bhala mansab u qed jokkupha minghajr ebda titolu validu skond il-ligi.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Settembru, 1999 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghal fini tal-kompetenza qed jigi ddikjarat illi l-valur lokatizzju ma jeccediex l-ammont ta' mija u lira Maltin (Lm101)

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Alfred Camilleri fejn eccipixxa illi:-

1 Preliminarjament illi din l-Onorabbli Qorti ma ghandiex gurisdizzjoni biex tisma' u tiddeciedi t-talbiet attrici stante illi tezisti lokazzjoni a tenur tal-Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta;
2 Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi kollha ghandhom jippruvaw it-titolu taghhom fuq ir-raba in kwistjoni, u fin-nuqqas it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;
3 Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-konvenut jokkupa l-ghalqa de quo b'titolu ta' lokazzjoni;
4 Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta April 2001 fejn il-konvenut irtira it-tieni eccezzjoni minnhu sollevata;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi biex jigi eliminat kull dubbju dwar l-identifikazzjoni tal-ghalqa mertu ta dawn il-proceduri, l-atturi pprezentaw site-plan tal-lokalita' ta' l-Qortin fil-limiti taz-Zurrieq (Dok JB1 a fol. 22 tal-process) u fuqgha indikaw l-ghalqa in kwistjoni b'linji djagonali homor.

B'verbal tas-6 ta Marzu 2002, il-kontendenti qablu bejniethom li l-ghalqa in kwistjoni hija effettivament dik indikata fuq is-*site-plan* esibita.

Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni ta nuqqas ta gurisdizzjoni ikun sufficjenti ghall-konvenut li jistabilixxi biss l-ezistenza ta xi ftehim ta lokazzjoni dwar l-ghalqa in kwistjoni, maghmul ghal xi wiehed mill-iskopijiet kontemplati fil-Kapitolu 199 u li huwa, jekk il-kirja ma kinetx giet definitivament itterminata, jista' jikkwalifika bhala *'kerrej'* skond id-definizzjoni ta dik il-kelma u ta *'membru tal-familja'* pprovduta fl-istess Kap. 199.

Jekk jigi stabbilit dan, il-kompetenza tghaddi ghand it-tribunal specjali li jkollhu l-jedd li jinvestiga kull allegazzjoni dwar il-kwalifiki tal-konvenut bhala kerrej, dwar xi bdil ta destinazzjoni u dwar kull materja ohra li tkun setghet twassal ghat-terminazzjoni tal-lokazzjoni a tenur tal-provvedimenti tal-Kap. 199.

Ghalhekk kull prova dwar l-uzu attwali li qed issir mill-ghalqa ghandha rilevanza biss fejn jirrigwarda l-indagini dwar x'setghet kienet id-destinazzjoni pattwita f'xi lokazzjoni li setghet kienet giet miftehma.

Biex jasal ghall-prova tal-ezistenza ta lokazzjoni, il-konvenut l-ewwel stqarr li missieru kellhu din il-lokazzjoni favur tieghu u ghadda biex iddikjara li kien ihallas kera lill-missier l-atturi Bugeja fuq l-ghalqa in kwistjoni; izda wara spicca biex ammetta li qatt ma hallas xi qbiela u li ma tantx kien jaf bid-dettalji ta tali lokazzjoni lanqas dwar l-ammont ta qbiela li kienet tithallas minn missieru.

L-atturi ma jikkontestawx li kien hemm lokazzjoni tal-ghalqa favur missier il-konvenut tant li huma stess ipproducew l-irecvuti relattivi, imma evidentement isosstnu li din il-lokazzjoni kienet spiccat.

Minn-naha tieghu il-konvenut jaccetta li ommhu, bhala l-kerrej, wara l-mewt ta zewgha, kienet irrinunzjat ghall kull dritt fuq l-ghalqa u kienet ikkonsenjat lura l-ircevuti lill-atturi. Dan jimplika terminazzjoni tal-lokazzjoni li fuqgha l-konvenut qed jibbaza l-eccezzjonijiet tieghu. Huwa inutili li f'dawn il-proceduri jtambar fuq ic-cirkostanzi li wasslu lill-

ommhu ghal tali decizjoni minghajr ma jimplika li jrid jattakka l-validita' tar-rinunzja accettata mill-atturi.

Ghalhekk issib li l-konvenut ma wasalx ghal-prova tat-titolu minnhu allegat u tiddikjara li effettivament qed jokkupa l-istess ghalqa bla titolu u konsegwentement tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut biex jizgumbra mill-ghalqa maghrufa bhala "Il-Qortin", limiti taz-Zurrieq, kif indikata fis-site-plan a fol. 22 tal-process u ghal fini tal-izgumbrament tiffissa terminu ta xahar mill-lum.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

Magt Dr D. Montebello BA LLD

S. Farrugia
Dep Reg Civ48